Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 185/2013

tal-5 ta' Marzu 2013

li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009

(ĠU L 62, 6.3.2013, p. 1)

Emendat minn:

			Ġurnal Uffiċjali		
			Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1534 tat-12 ta' Ottubru 2018		L 257	21	15.10.2018
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1190 tal-11 ta' Lulju 2019		L 187	30	12.7.2019
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1244 tal-1 ta' Settembru 2020		L 286	9	2.9.2020

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 185/2013

tal-5 ta' Marzu 2013

li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd għall-kavalli (*Scomber scombrus*) fiż-żoni VIIIc, IX u X tal-ICES u fl-ilmijiet tal-UE taż-żona 34.1.1 tas-CECAF u għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fiż-żona VIII tal-ICES li tista' tiġi allokata lil Spanja fis-snin mill-2013 sal-2023 għandhom jitnaqqsu kif jidher fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M3

ANNESS

Stokk	Il-kwota inizjali għall-2009	Il-kwota adattata għall-2009	Il-qabdiet stabbiliti għall-2009	Id-differenza bejn il-qabdiet u l-kwota (is-sajd żejjed)	It-tnaqqis għall-2013	It-tnaqqis għall-2014	It-tnaqqis għall-2015	It-tnaqqis għall-2016	It-tnaqqis għall-2017	It-tnaqqis għall-2018	It-tnaqqis għall-2019	It-tnaqqis għall-2020	It-tnaqqis għall-2021	It-tnaqqis għall-2022	It-tnaqqis għall-2023
MAC8C 3411	29 529	25 525	90 954	-65 429	100	100	100	5 544	6 283	4 805	4 421	3 214	5 544	5 544	381
ANE08 (1)								3 696	4 539	2 853	3 696	3 696	3 696	3 696	180

(1) Għall-inċova, is-sena jenħtieġ li tfisser l-istaġun tas-sajd li jibda f'dik is-sena.